# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Tlieta (3) ta' Ġunju 2021**

**Rikors Numru 6/2021 FDP**

Fl-ismijiet

**HSBC Bank Malta p.l.c.**
**(C 3177)**

**Vs**

**Borg Brian (ID 10576M) u martu, Borg Elena Catalina (KI Nru 277812L, qabel detentriċi tal-karta tal-identita' numru 31482A), bint Gheorghe Pislaru u mwielda ġewwa Pirscov, ir-Rumanija**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 6 ta' Jannar 2021, li permezz tiegħu s-soċjetà rikorrenti talbet s-segwenti:

    1. *Illi in forza ta' kuntratt tas-16 ta' Lulju 2009 fl-atti tan-Nutar Dottor Ivan Barbara, il-Bank attur ikkonċeda lill-konvenuti flimkien solidali bejniethom faċilità bankarja konsistenti f'self, u dan wara sanction letter maħruġa mill-istess Bank attur datata l-14 ta' Jannar 2009 (kopja tal-kuntratt ta' self u tas-sanction letter hawn annessi u mmarkati rispettivament Dok, A u Dok B);*

    2. *Illi l-konvenuti naqsu milli jagħmlu l-pagamenti rikjesti u miftehma ai termini tas-sanction letter u għaldaqstant huma ddekadew mill-benefiċċju tat-terminu mogħti lilhom skond il-kundizzjonijiet tal-istess sanction letter u tal-kuntratt ta' self relattiv;*

3. *Illi fuq dan is-self il-konvenuti Borg huma għalhekk debituri tal-Bank attur fis-somma ta' sebgħa u sebgħin elf, sebgħa mija u erbgħa u tmenin Ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€77,784.29) dovuta in kwantu għal sittin elf, ħames mija u dsatax-il Ewro u tmienja u sittin ċenteżmu bħala bilanċ mill-kapital misluf lilhom, u r-rimanenti sbatax-il elf, mitejn u erbgħa u sittin Ewro u wieħed u sittin ċenteżmu (€17,264.61) bħala imgħax ikkalkulat sal-11 ta' Diċembru 2020, kif jirriżulta mill-anness statement tal-kont in kwistjoni bin-numru 14160352 immarkat Dok. C, oltre l-imgħax legali ulterjuri mit-12 ta' Diċembru 2020 sad-data tal-pagament effettv;*

4. *Illi l-konvenuti, għalkemm interpellati biex iħallsu l-arretrati dovuti minnhom, anki permezz ta' ittra uffiċjali datata l-25 ta' Mejju 2018 (annessa bħala Dok. D) baqgħu inadempjenti;*

5. *Illi d-debitu hawn imsemmi huwa ċert, likwidu u dovut, u l-konvenuti m'għandhomx eċċezzjonijiet x'tagħti għat-talba rikorrenti;*

*Għaldaqstant, il-Bank esponenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna, jogħġobha:*

*(i) Tilqa' t-talba tar-rikorrenti bid-dispensa mis-smiegħ b'applikazzjoni ta' Artikolu 167 et seq tal- Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*(ii) Tiddikjara li l-konvenuti huma debituri, solidali flimkien, fil-konfront tal-Bank attur fis-somma globali ta' sebgħa u sebgħin elf, sebgħa mija u erbgħa u tmenin Ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€77,784.29) dovuta kif fuq spjegat;*

*(iii) Tikkundanna lill-istess konvenuti jħallsu lill-Bank attur l-imsemmija, somma ta' sebgħa u sebgħin elf, sebgħa mija u erbgħa u tmenin Ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€77,784.29) u dan oltre l-imgħaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess somma mit-12 ta' Diċembru 2020 sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-Artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-25 ta' Mejju 2018 u tal-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet premessi ippreżentat kontestwalment ma' din il-kawża, kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunti għas-*subizzjoni.

2. Rat illi fil-11 ta' Jannar 2020 il-Qorti appuntat il-każ għas-smiegħ għat-8 ta' Frar 2021.

3. Rat illi fit-8 ta' Frar 2021 il-Qorti akkordat t-talba tas-soċjeta' rikorrenti biex tinnotifika lill-intimati bl-affissjoni u bil-pubblikazzjoni.

4. Rat illi fit-12 ta' Marzu 2021 saret l-affissjoni ġewwa l-Kunsill Lokali Ħamrun, Għassa tal-Pulizija Ħamrun u r-residenza tagħhom 38, Farsons Street, Ħamrun. (fol 47)

5. Rat illi fit-30 ta' April 2021 saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern (fol 51).

6. Rat illi fil-5 ta' Mejju 2021, saret il-pubblikazzjoni fil-gazzetta The Malta Independent. (fol 52)

7. Rat illi fl-1 ta’ Ġunju 2021, meta ssejjħet il-kawża, l-intimati ma dehrux.

8. Rat illi s-soċjeta’ rikorrenti, tramite ir-rappreżentant tagħhom, **Dr Ralph Agius Fernandez** fir-rikors promotur, ddikjarat illi l-intimati ma kellhomx eċċezzjonijiet x’jagħmlu.

9. Semgħet ix-xhieda ta’ **Doreen Cunningham**, bħala rappreżentant tas-soċjeta intimata, tikkonferma illi l-ammont mitlub kien għadu dovut.

10. Rat illi, wara tali xhieda, s-soċjeta’ rikorrenti talbet lill-Qorti sabiex tgħaddi għas-sentenza.

11. Rat illi, abbażi tal-Artikolu 170 (1) tal-Kap 12, ladarba l-intimati baqgħu kontumaċi, il-Qorti tista’ tgħaddi biex taqta’ u tiddeċiedi l-kawża.

12. Rat illi għalhekk il-kawża ġiet differita għas-sentenza għal-lum.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti tal-kawża;

Tgħaddi biex taqta’ u tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiddikjara** li l-konvenuti Brian Borg u Elena Catalina Borg debituri, solidali flimkien, fil-konfront tal-Bank attur HSBC Bank Malta p.l.c. fis-somma globali ta’ sebgħa u sebgħin elf, sebgħa mija w erbgħa u tmenin Ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€77,784.29) dovuta kif fuq spjegat;

**Tikkundanna** lill-istess konvenuti Brian Borg u Elena Catalina Borg iħallsu lill-Bank attur HSBC Bank Malta p.l.c. l-imsemmija somma ta’ **sebgħa u sebgħin elf, sebgħa mija w erbgħa u tmenin Ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€77,784.29)** u dan oltre l-imgħaxijiet legali bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess somma mit-12 ta’ Diċembru 2020 sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-Artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Spejjeż kif mitluba, ikunu a kariku ta’ l-intimati, in solidum bejniethom.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**